# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1249/00**

**Numru 35**

**Clinton Dingli Bennetti f'ismu propju u ghan-nom tas-socjeta en nom collectif Thunderstorm Group**

**vs**

**Brian Stagno Navarra**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur pro et noe ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija tmienja u hamsin lira erbgha u erbghin centezmu (Lm358.44c) bilanc minn somma akbar, prezz ta' taghmir tal-computer lill-konvenut mibjugh u konsenjat.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju 2000, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur pro et noe sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur pro et noe s-somma ta' Lm358.44,0 bl-imghax legali mit-13 ta' Settembru 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg